**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta’ Ottubru, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **AB** li ġie akkużat talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, b’riżoluzzjoni waħda:

1. Bejn ix-xhur ta` Mejju, 2019 u Settembru, 2022, ġewwa dawn il-gżejjer, ġab ruħu b’ mod li ta fastidju lil XY u/jew persuni oħra;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ġab ruħu b’ mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju lil XY u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil XY u/jew persuni oħra għal xi att ta’ intimita fiżika;

4. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil persuna oħra għal xi att, jew imġieba li kellhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta’ kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba ma kienux mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha;

5. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi; permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil XY biex jagħmel jew jonqos jew milli jagħmel xi ħaġa, heddidt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra tiegħu, jew biex jimmalafama lill-istess XY, jew xi persuna oħra;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib illi l-istess imputazzjonijiet ġew ippruvati skont il-liġi.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet mal-ewwel okkażjoni li kellu u għandu fedina penali netta. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni żewġ emejls ta' tobba li ġew ippreżentati mid-difiża rigward kundizzjoni ta' ansjeta` li jbati minnha l-imputat.

Il-Qorti semgħet ukoll lill-Prosekuzzjoni, lid-difensuri tal-kwerelanti u kif ukoll lid-difiża jirrilevaw illi l-imputat jista' jiġi trattat b'piena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tirrileva li pero` hija bl-ebda mod ma hi marbuta li tapplika l-piena suġġerita sakemm ma tkunx konvinta li tali piena hija waħda idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Illi l-Qorti, wara li kkunsidrat dan kollu hija tal-fehma illi filwaqt li din hija l-ewwel darba li l-imputat tressaq quddiem Qorti, ir-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat ipperduraw għal numru ta' snin. Din il-Qorti hija tal-fehma illi trid ukoll tikkawtela l-interessi tas-soċjeta` in ġenerali u kif ukoll tal-vittma f'dan il-każ li għamlet perjodu sew ta' żmien tkun il-vittma ta' aġir mhux xieraq fuq il-post tax-xogħol tagħha.

Illi għaldaqstant filwaqt li l-Qorti mhux se tkun qiegħda timponi terminu ta' priġunerija effettiva fuq il-ħati, lanqas ma hi tal-fehma illi ċ-ċirkostanzi kif irriżultaw jimmeritaw li jiġu punti b'piena kif suġġerita mill-partijiet.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (b) u (h), 18, 251A (1) (a), 251A (1) (b), 251A (1) (c), 251A (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali u artikolu 49 (b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **AB** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba

kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' sena (1) priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiġi sospiża għal żmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat ieħor fil-perjodu operattiv.

In oltre l-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati sabiex tiġi kawtelata XY u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Finalment, il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti stante li ma jirriżultax li ġie nominat xi espert.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**